MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Numru 429/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**AMANIEL HAMDE FIKADU**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Amaniel Hamde Fikadu ta' 22 sena, iben Hamde u Fortuna Abraham, imwieled Eritrea fil-24 ta' April 1988, residenti Hangar Open Centre Hal-Far u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 56217(A).

Illi huwa akkuzat talli nhar id-29 ta' April 2010 ghal-habta tas-19:00hrs f'Birzebbugia, b'eghmil zieni, ikkorrompa lil persuni ta' taht l-eta' cioe *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ecita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' persuni ta' taht l-eta' tas-sess l-wiehed jew l-iehor cioe *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmili li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-Ligi a terminu ta' l-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna involuta, l-familja taghha kif ukoll dawk il-persuni li lilhom giet fdata fl-istess minuri ai termini ta' l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni li jikkonsistu, fil-fatt, li l-imputat mar jittanta tfajla ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena li kienet fil-kumpanija ta' zewg tfajliet ohra, wahda ta' *ommissis* (*ommissis*) u l-ohra ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, u meta rrifjutawh u waqfulu, dana nkorla, espona l-parti genitali tieghu u beda

jimmasturba fil-prezenza taghhom u jghidilhom kliem bhal, ‘il-parti genitali tieghu kienet akbar minn dawk tal-Maltin.’

Illi apparti l-ammissjoni registrata fil-prezenza ta’ din il-Qorti, ghall-akkuzi dedotti, l-imputat ammetta wkoll fl-istqarrija tieghu.

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lil-imputat **Amaniel Hamde Fikadu** hati ta’ l-ewwel (1) akkuza bit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza komprizi u nvoluti fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 203(1), 203A u 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija** li minnhom iridu jitnaqqsu z-zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Illi, in oltre’, ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tohrog fil-konfront ta’ l-imputat Ordni ta’ Protezzjoni favur it-tlett minuri indikati fic-citazzjoni u cioe *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*, u dana ghal perijodu ta’ tlett (3) snin u bi prohibizzjoni illi l-imputat jkellem, javvicina jew jimmolesta lill-istess minuri.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi ghalkemm dan ir-reat sehh ghal ftit sekondi, kienu involuti tlett (3) minuri illi wahda minnhom kellha biss *ommissis* (*ommissis*)-il sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------